FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Frar 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1790/01**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Raymond Brincau**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' mija u disa u sebghin lira Maltin (Lm179) import ta' disa (9) kambjalijiet annessi mal-avviz tat-talba u mmarkati dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 9 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet, u ghas-somma ta' disa liri Maltin (Lm9) bhala imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-avviz tat-talba fuq l-istess ammont;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Ra li l-konvenut baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut minn Dr John Laferla bil-gurament tieghu;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u disa u sebghin lira Maltin (Lm179) dovuta ghal disa (9) kambjali skaduti izda baqghu ma thallsux.  Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**